MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 119/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**MARIO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 331069M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-8 ta` Frar 2009 ghall-habta tas-siegha ta` filghodu gewwa 'Aqualeon', Triq il-Burglat, Gudja bil-hsieb li

jikkaguna ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` martu Mary Rose Farrugia ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu Mary Rose Farrugia skond kif iccertifika Dr Silvio Grixti MD tac-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lill-martu Mary Rose Farrugia biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex ezercita jedd li jippretendi li ghandu tfixkil lil Mary Rose Farrugia fil-pussess ta` hwejgha meta tefghaha l-barra mid-dar matrimonjali taghhom u cioe` mil-fond ‘Aquelon’, Triq il-Burglat, Gudja.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 383, 251 (1) (b) (a) u 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi x-xhieda mportanti f’dan l-incident huma:

1. Mary Rose Farrugia li hija mart l-imputat u li kienet involuta f’dan l-incident u;

2. It-tabib Dr Silvio Grixti li kien ezamina lil Mary Rose Farrugia immedjatament wara l-incident u li kien irrillaxxa c-certifikat mediku li jinsab a fol 9 tal-process. Dan jindika s-sussegwenti feriti:

a) Nefha fuq in-naha tal-lemin tal-wicc naha tal-ghajn;

b) Forma ta` swaba li huma madwar l-ghonq probabbli wara attentat ta suffokazzjoni;

c) Ferita zghira fuq ix-xoffa ta` isfel.

3. Ix-xhieda incidentali tal-Pulizija li rcevew ir-rapport ta` Mary Rose Farrugia u li nterrogaw lill-imputat;

4. L-imputat.

Illi dan ma kienx l-ewwel incident ta` din in-natura bejn l-imputat u l-mara tieghu u fil-mori tal-kawza, gew ezebiti diversi okkerrenzi li jikkoncernaw incidenti ohra simili. Dawn huma pjuttost numeruzi u spessi.

Illi, ovvjament, kienu biss iz-zewg partijiet illi kienu prezenti matul l-incident. Dawn ghandhom il-verzjoni rispettivi taghhom illi ovvjament ma jaqblux. Din il-Qorti ghandha tevalwa z-zewg versjonijiet u wara li tismghahom tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha.

Meta wiehed jaqra dan il-process wiehed jahseb illi qieghed jippresedji fuq kawza ta` separazzjoni. Id-dokumenti esebiti u, specjalment, il-kwantita` ta` mistoqsijiet li saru fil-mori tal-kawza huma totalment irrilevanti ghal dan il-kaz li jikkoncerna biss jekk gara jew ma garax dan l-incident u kif gara. Xejn iktar u xejn inqas!

Illi din il-Qorti qiedgha temmen lill-versjoni tal-kwerelanta li hija konfortata mix-xhieda ta` Dr Silvio Grixti. Id-deskrizzjoni tal-feriti minn dan it-tabib jikkonfermaw il-hsieb tal-imputat sabiex jinfliggi feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Mary Rose Farrugia tant illi t-tabib uza l-kliem

“attentat ta` suffokazzjoni”. Din il-Qorti hija konvinta minn dan kif inhi konvinta wkoll illi rrizultaw il-feriti hfief minn dan l-incident. Kif iddeskriviet l-incident Mary Rose Farrugia, hija kienet bil-biza li ser issir vjolenza fuqha u dan fil-fatt sehh. Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza ta` biza illi ser issir vjolenza fuq Mary Rose Farrugia stante illi din il-vjolenza, fil-fatt saret. Bl-ammissjoni stess tal-imputat u tal-avukat difensur tieghu, l-imputazzjoni ta` vjolenza fuq il-persuna ta` Mary Rose Farrugia tirrizulta.

Jirrizulta wkoll il-fatt illi l-imputat tefa` lill-martu ‘l barra mid-dar konjugali u dan bl-ammissjoni stess tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Din il-Qorti wara li ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba` imputazzjoni migjuba kontrih u tilliberah mit-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant tikkundannah ghal zmien sena ta` prigunerija izda tordna illi din id-detenzjoni ma tibdiex issehh sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor li jgib mieghu piena ta` prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-llum a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------